# Tifkira
# Mons. Dun Mattew Chircop Lic,D.
# (1916-2008)



Dun Mattew Chircop jibqa' mfakkar bħala wieħed mill-persunaġġi l-iktar influwenti fil-Ħamrun, kif ukoll fil-Marsa fejn twieled u trabba. Barra minn hekk, kien ukoll persuna li ħalla l-marka tiegħu grazzi għax-xogħol impenjattiv tiegħu fil-Knisja tagħna. Dun Mattew li ħalliena nhar il-Ħadd 20 ta' Lulju 2008 huwa parti ntergali mill-istorja tal-Ħamrun u wera mpenn u ħeġġa f'xogħolu.

Twieled nhar l-1 ta' Jannar 1916 u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali tat-Trinita' Qaddisa l-Marsa, l-għada, u tawh l-isem ta' Mattew għal nannuh. Għammdu Patri Paċifiku Kappuċċin u l-parrini tiegħu kien Mattew u Marija Grazzja Farrugia. Il-familja kellha rabtiet man-negozju u l-ġenituri rabbew il-familja f'valuri Insara sodi ħafna. Dun Mattew u ħutu kollha għożżew dawn il-valuri u eventwalment, wara li nhar it-8 ta' Lulju 1922 ingħata l-Griżma ta' l-Isqof minn Mons. Arċisqof Mawru Caruana O.S.B. iċ-ċkejken Mattew kompla juri mħabba kbira lejn il-Mulej u l-fidi Kattolika. Sar attiv fil-Parroċċa tat-Trinita' Qaddisa, kemm bħala abbati kif ukoll f'għaqdiet oħra reliġjużi fil-Marsa. Kien ukoll midħla fil-Ħamrun, mhux biss minħabba li dawn l-ibliet huma qrib xulxin imma wkoll minħabba li l-familja kienet toqgħod qrib ħafna tal-Ħamrun, fi Triq il-Marsa, parti ta' fuq. Imma, rridu ngħidu wkoll li tfulitu kienet iktar marbuta mal-Marsa, u l-Parroċċa tat-Trinita' Qaddisa. Dak iż-żmien fil-Festa tat-Trinita' Qaddisa, xi tfal kienu jilbsu ta' kavallieri fil-purċissjoni. Dun Mattew kien wieħed minnhom u din kienet ukoll waħda mill-isbaħ memorji ta' ħajtu', kif qaltli oħtu, Ms. Theresa Chircop, li hi l-unika waħda mill-aħwa ħajjin, u Alla jberikha, fl-eta' ta' 88 sena għadha mimlija memorja. F'Jannar li għadda, Miss Chircop, kif jafuha ħafna ex-studenti tagħha, fl-Iskola Primarja tal-Marsa, fejn kienet tgħallem għal bosta snin, ingħatat Ġieħ il-Marsa għall-ħidma eżemplari u formattiva tagħha bħala għalliema.

Eventwalment, Mattew ħass is-sejħa għas-saċerdożju u daħal is-seminarju tal-Furjana fejn waqt it-tieni gwerra dinija ġie ordnat saċerdot nhar is-26 t'April 1943 fil-Knisja ta' San Gejtanu, l-Ħamrun. Kienu żminijiet fejn il-Ħamrun, u l-istess Marsa, għaddew minn taqlib kbir minħabba t-tiġrif u t-tiġrib tal-gwerra. Minħabba li ż-żewġ lokalitajiet huma tant qrib il-Port il-Kbir, laqqtu ħafna bombi, djar sħaħ tfarrku, iżda oħrajn baqgħu. Qabel u wara l-gwerra, il-popolazzjoni tal-Ħamrun kienet kbira ħafna, u għalkemm nies mill-Ħamrun kienu telqu waqt il-gwerra, ħafna ġew lura u mbagħad, magħhom żdied influss ta' nies mill-Kottonera, li kien ġa beda qabel il-gwerra. Dun Mattew kellu ħafna x'jagħmel, f'lokalita' li dak iż-żmien kella popolazzjoni ta' madwar 25000 miġbura taħt parroċċa waħda biss.

Imma, wieħed irid jgħid ukoll li minkejja dawn il-bidliet kbar soċjali, il-parroċċa rat tiġdid kbir, grazzi għall- fatt li kienet immexxija minn Kappillan enerġetiku u determinat – Dun Nerik Cordina Perez, ex-player tal-Ħamrun Spartans, u l-ewwel Kappillan Ħamruniż, li mexxa l-parroċċa u ta identita' ġdida. Serva bħala Kappillan qabel u wara l-gwerra u miet fl-aħħar tas-sena 1956. Tul dak iż-żmien, inbniet il-koppla u żdied it-tiżjin f'dil-knisja, li għandha stil uniku arkitettoniku. Dun Mattew segwa u nħatar nhar l-4 ta' Frar 1957 bħala is-sitt kappillan tal-Ħamrun, f'ċerimonja mill-isbaħ. Huwa mexxa l-

## *Minn Mr. Eric Montfort*



komunita' parrokkjali fdata f'idejh b'imħabba lejn Kristu u l-Knisja għal 22 sena sħaħ (1957-1979), ftit xhur iktar mill-predeċessur tiegħu. M'huwiex l-iktar kappillan li serva fil-Parroċċa San Gejtanu. Dak l-unur qiegħed għand Dun Ġużepp Muscat li dam 31 sħaħ (1897-1928).

Kemm dam kappillan, Mons. Mattew Chircop kompla jagħfas fuq l-importanza tal-għaqdiet reliġjużi, fosthom l-Azzjoni Kattolika; il-Leġjun ta' Marija, u ra iktar tisħiħ tal-MUSEUM. Għen ħafna lill-mibki Dun Ġużepp Cachia jsaħħaħ il-kor li kien beda. Kien fi żmienu bħala Kappillan li miet San Ġorġ Preca, ħabib kbir tiegħu. Kien fi żmienu wkoll li ħarġet il-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni u fl-istess sena il-Parroċċa tal-Madonna tad-Dmugħ, li eventwalment saret magħrufa bħala Maria Reġina, u li eventwalment ħadet biċċa żgħira mill-Ħamrun fil-konfini parrokkjali tagħha. Barra minn hekk, Gwardamanġia nqatgħet għal kollox minn mal-Ħamrun u ħadet magħha parti żgħira magħha fl-istess sena, saret parroċċa ddedikata lill-Madonna ta' Fatima. Ta' min isemmi li Dun Mattew Chircop, fi żmienu kompla jara diversi bidliet, uħud minnhom mhux neqsin minn tensjonijiet, fil-Parroċċa, il-lokalita' u l-pajjiż. Minkejja dan, Dun Mattew, b'kawtela u reqqa, irnexxielu jmexxi l-parroċċa b'konsistenza. Dun Mattew baqa' nteressat fil-Marsa kif ukoll fil-parroċċi li ħarġu minn San Gejtanu.

Mons. Mattew Chircop inħatar Kanoniku Onorarju tal-Katidral tad-Djoċesi nhar it-30 ta' Diċembru 1979 u wara bħala Monsinjur effettiv. Huwa serva għal 10 snin bħala Direttur Nazzjonali fl-Uffiċċju ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji fil-Belt Valletta. Kien impenjat fil-Volontiera Lajċi Missjunarji fejn diversi lajċi Maltin marru għal xi żmien il-missjoni. L-imħabba li kellu għall-Missjoni ntweriet bid-dedikazzjoni u l-impenn li kellu f'dan l-Uffiċċju Missjunarju. Huwa ġie maħtur Arċipriet tal-Katidral ta' l-Imdina fejn ħalla Lapida Kommemmorattiva li qed iżżejjen il-paviment ta' l-irħam ta' l-istess Katidral u fuqha ħalla l-isem tal-Marsa, art twelidu. Meta spiċċa minn Arċipriet Monsinjur Mattew baqa' attiv sa l-aħħar tant li ta' 90 sena baqa' jitlaq kull nhar ta' Ħadd għat-talb ta' l-Uffiċċju Divin fil-Katidral l-Imdina. Mhux talli hekk, talli sal-2007, baqa' jattendi għall-Quddiesa u l-Għasar Solenni f'lejliet il-Festa ta' San Gejtanu, minkejja li saħħtu kienet marret lura. Għex l-aħħar snin ta' ħajtu fid-Dar tal-Kleru Birkirkara. Il-funeral tiegħu sehh fl-istess knisja u parroċċa li tant ħadem fiha. Ta' min isemmi li barra l-wirt kbir materjali li huwa ħalla kemm f'dil-Parroċċa kif ukoll fil-Parroċċa tas-Ssma. Trinita', huwa wkoll ħalla wirt morali kbir, għax barra l-ispiritwalita' kbira li kellu, kien ukoll raġel li jagħraf il-limitazzjonijiet tiegħu u anke jitlob apoloġija fejn seta' żbalja, xi ħaġa li mhux kulħadd, wisq iktar ħafna kapijiet, kapaċi jagħmlu.

Ħajr: *Registru Marsa, il-knejjes Parrokkjali 1993, Walter Camilleri Vol 1, Fuljett Marsa, Marzu 1957, G.C.m Il-Ġens Illum, Pawlu Dimech, J. Giordmaina, Dun Ġużepp Mifsud Bonnci.*

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn

**Audio & Auto Sound**

**Emanuel Genovese**

61, Triq Villambrosa, Ħamrun - Tel: 21242431